# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 4 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 227 / 15RGM

Kawza fil-lista: 6

**X Y**
**vs**
**R S;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**l-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi illi b'digriet datat 9 ta' Dicembru 2015 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri T u M Y**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti u l-intimat R S, m'humiex mizzewgin, u kellhom relazzjoni intima li minnha twieldu zewg minuri: M Y nhar it-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) u giet registrata fl-att tat-twelid bl-isem u l-kunjom ta' M Y, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha bin-numru 1319 /2008, u T Y nhar is-seba' (7) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) u giet registrata fl-att tat-twelid bl-isem u kunjom ta' T Y, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha bin-numru 632/2006;

Illi skond l-Atti tat-Twelid suriferiti, missier iz-zewg minuri M u T Y huwa ndikat bhala missier mhux maghruf;

Illi l-missier bijologiku taz-zewg minuri M u T Y huwa l-intimat R S;

Illi l-indikazzjoni ta' 'unknown father' fl-Atti tat-twelid tal-minuri M u T Y huma zbaljati, u dan l-izball sar da parti tal-esponenti;

Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u l-PL Noel Scerri gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-Ghajnuna Legali;

Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimat R S huwa l-missier naturali tal-minuri M Y;

Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimat R S huwa l-missier naturali tal-minuri T Borrnici;

Tordna illi l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri M Y, (liema Att ghandu n-numri 1319/2008 rispettivament], il-kliem 'unknown father' u minflok jitnizzel isem l-intimat R S bhala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jigi mizjud, kull fejn jehtieg, referenza ghall-intimat, senjament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex haj jew mejjet, l-eta' tal-intimat, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-intimat u li jidhru mal-Att tat-Twelid citat;

Tordna illi l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri T Y, (liema Att ghandu n-numri 632/2006 rispettivament), il-kliem 'unknown father' u minflok jitnizzel isem l-intimat R S bhala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jigi mizjud, kull fejn jehtieg, referenza ghall-intimat, senjament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex haj jew mejjet, l-eta' tal-intimat, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-intimat u li jidhru mal-Att tat-Twelid citat;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 1818 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, ghallinqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tinnomina kuraturi ad litem sabiex jirraprezentaw lil minorenni T u M ahwa Y skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni rigward il-paternita' tal-minorenni T u M ahwa Y huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A, tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut R S sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tieghu meta twieldu il-minorenni T u M ahwa Y, (a) Il-post tat-twelid tieghu, (5) Il-post ta' residenza tieghu meta twieldu l-imsemmija minorenni, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldu il-minorenni T u M ahwa Y. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti minorenni T u M ahwa Y, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv sitt mija, tnejn u tletin (632) tas-sena elfejn u sitta (2006) u bin-numru progressiv elf, tlett mija u dsatax (1319) tas-sena elfejn u tmienja (2008) rispettivament;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu- l-minorenni T u M ahwa Y a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut R S li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok, l-intimat jirrileva li ghandhom isiru t-testjiet xjentifici relattivi tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita' taz-zewg minuri T Y u M Y qabel ma' din l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tiddetermina t-talbiet attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici mhijiex attribwibbli ghal xi eghmil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, izda hija skont l-istess

attrici attribwibbli ghal zball da parti tal-istess attrici, u kwindi huwa m'ghandux ibati ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-Risposta tal-kuraturi deputati nominati biex jirrappresentaw lill-minuri T u M Y, l-Avukat Dottor Patrick Valentino u il-PL Joelene Pace Ciscaldi, li ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti u rriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta jirrnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz;

Rat id-digriet tas-6 ta' April 2016 meta l-Qorti nnominat lt-Tabiba Dottor Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet tad DNA fuq il-partijiet;

Rat l-affidavit u rapport tal-istess Dottor Marisa Cassar tal-25 ta' Lulju 2017 li jikkonfermaw li R S hu l-missier naturali tal-minuri T u M Y;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2017 meta il-konvenut R S iddikjara li d-data tat-rwelied tieghu hi s-17 ta' Settembru 1980, li missieru jismu Martin S li ghadu haj u li fis-sena 2006 u fis-sena 2008 kien residenti Birzebbuga; l-partijiet iddikjaraw li l-minuri ghandhom jassumu l-kunjom S u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

Mar-rikors promotorju gew annessi bhala Dok A, certifikat tat-twelied tal-minuri M Y li twieldet fit-8 ta' April 2008 minn X Y u missier mhux magharuf, u bhala Dok B, certifikat tat-twelied tal-minuri T Y li twieldet fis-7 ta' Frar 2006 minn X Y u missier mhux magharuf.

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017 il-Qorti ordnat li jsiru t-testijiet tad-DNA u li jekk R S ma jmurx ghall-appuntament ghall-finijiet tat-test tad-DNA fil-klinika ta' Dottor Marisa Cassar, jigi akkompanjat ghal dan il-fini mill-marixxalli tal-Qorti jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija.

Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2017 il-Qorti giet infurmata li R S ma marx ghall-appuntament ghand Dottor Marisa Cassar u ghalhekk gie kkonfermat d-digriet tas-26 ta' Jannar 2017 li R S ghandu jigi akkompanjat mill-marixxalli tal-Qorti ghall-appuntament ma' Dottor Marisa Cassar u jekk ikun mehtieg isejhu l-assistenza tal-Pulizija.

Dottor Claire Bartolo, fl-affidavit taghha, Fol 38, ikkonfermat li hi kienet gabret il-kampjuni orali ta' X Y, T Y u M Y sabiex jkunu jistghu jsiru t-testijiet tad-DNA

(Paternity Test) billi Dottor Marisa Cassar kienet indisposta fil-gurnata tal-appuntament. Hi kkonfermat li l-kampjuni ghaddiethom lil Dottor Marisa Cassar.

Dottor Marisa Cassar, fl-affidavit taghha, Fol 39, ikkonfermat li Dottor Claire Bartolo ghaddietilha l-kampjuni orali ta' X Y, T Y u M Y, flimkien ma' kopja tal-I.D. Card ta' X Y u ritratti ta' T Y u M Y biex jkunu jistghu jsiru i-testijiet tad-DNA. Hi ddikjarat li gabret il-kampjun orali ta' R S fis-17 ta' April 2017.

Dr. Cassar kkonfermat li mit-testijiet li ghamlet irrizulta illi R S hu l-missier naturali ta' T Y u ta' M Y, kif jirrizulta mir-rapport minnha iffirmat, Fol 40 et seq.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-konvenut S eccepixxa illi l-Qorti ghandha qabel xejn tordna li jsiru t-testijiet tad-DNA. Dawn kif rajna saru.

Il-konvenut, Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li in-notifika ma saritx skont l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 u ghalhekk it-terminu ghall-presentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri; r-risposta giet ippresentata fl-4 ta' Dicembru 2015. Il-mertu ta' din l-eccezzjoni ghalkemm fondat llum huwa ezawrit in kwantu d-Direttur ipprezenta r-risposta guramentata tieghu u ma jirrizultax li n-nuqqas li gustament gie rilevat irreka xi pregudizzju lid-Direttur.

Eccezzjoni ohra tad-Direttur hi illi ma saritx in-nomina ta' kuaraturi 'ad litem'biex jirrappresentaw l-interessi taz-zewg minuri; b'Digriet tad-9 ta' Dicembru 2015 gew mahtura bhala kuraturi l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-PL Joeline Pace Ciscaldi. Il-mertu ta' din l-eccezzjoni huwa ghalhekk ezawrit.

Eccezzjoni ohra tad-Direttur hi li l-partijiet kollha koncernati ghandhom jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16; li f'kaz li jigu milqugha t-talbiet attrici, l-konvenut ghandu jaghti d-dettalji kollha personali tieghu biex dawn jigu eventwalment inseriti fl-Att tat-Twelied taz-zewg minuri, dawn d-dettalji nghataw fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2017; li l-partijiet ghandhom jiddecidu liema kunjom ser jassumu iz-zewg minuri a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16; fl-istess seduta imsemmija l-partijiet iddikjaraw li l-minuri ghandhom jassumu il-kunjom 'S'; u li ma ghandhux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

Il-konvenuti kuraturi fir-risposta taghhom ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti u rriservaw d-dritt li jippresentaw risposta ohra fi stadju ulterjuri meta jkunu ghall-kurrent tal-fatti, pero' ma jirrizultax li l-kuraturi ppresentaw risposta ulterjuri.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 86A. Tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.

(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.

Bil-mezz tal-prova tad-DNA gie ppruvat minghajr ombra ta' dubju li l-konvenut R S huwa l-missier bijologiku taz-zewg minuri.

Dwar il-kap tal-ispejjez irrizulta li l-konvenut S ma accettax qabel giet intavolata l-kawza li jirrikonoxxi liz-zewg minuri bhala uliedu u lanqas resaq 'il quddiem sabiex isir it-test tad-DNA. Din ir-rezistenza da parti tal-konvenut S ippersistiet anke matul il-kawza tant li l-Qorti kellha tordna li jittiehed kampjun ghall-finijiet tat-test tad-DNA minn fuq il-persuna tal-konvenut S bil-forza bis-sahha tal-**Artikolu 100A tal-Kap. 16** li jipprovdi illi "F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-
qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi."

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti bil-mod kif hawn deciz,

1. Tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut R S hu l-missier naturali tal-minuri M u T Y;

2. Tilqa' t-tielet u r-raba talbiet attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar mill-Att tat-Twelied taghhom il-kliem 'unknown father' u minflok jitnizzel isem il-konvenut R S bhala l-missier u li jigu mizjuda il-konnotati tieghu kollha li jigu indikati fl-Atti tat-Twelied taz-zewg minuri bin-numri 1319/2008 u 632/2006 rispettivament kif jirrizultaw mill-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Gunju 2017.

3. Tordna li l-minuri jassumu l-kunjom ‘S’.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut R S.

**Imhallef** **Deputat Registratur**